MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 243/1998/1

Maria Camilleri

vs

Martinu u Karmena konjuġi Xuereb
U uliedhom, Micky, Ritchie, Jeoffrey,
Vicky mart Ganni Hili, Ronnie u Sherry
Xebba u l-istess Ganni Hili,
U b'degriet tal-24 ta' Mejju, 2005
Il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem
Richard Xuereb f'ismu proprju,
U bħala mandataru ta' ħutu imsefrin
Paul u Sherry aħwa Xuereb, Ronald,
Michael, Jeoffrey, u Victoria
Mart John Hili, ilkoll aħwa Xuereb,
Minflok Martinu Xuereb li miet
Fil-mori tal-kawża.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet illi:

Illi omm l-attriċi, Ursola Camilleri akkwistat permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-nutar Antonio Galea tat-23 ta' Ottubru 1976 biċċa raba tal-kejl ta' ċirka tliet itmiem, imsejħa "Ta' Troppu" sive "Ta' Kusbejja" fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, tmiss mit-tramuntana ma' beni ta' Salvatore Ellul, nofsinhar ma' passaġġ u punent ma' beni ta' Martinu Xuereb u oħrajn, soġġetta għaċ-ċens perpetwu ta' Lm 2.25;

Illi omm l-attriċi mietet fil-21 ta' April, 1997;

Illi permezz ta' testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin tas-7 ta' Gunju 1975 bejn l-istess Ursola Camilleri u żewġha Paul Camilleri, it-testaturi nnominaw u istitwew bħala eredi universali ta' dak kollu li kienu jippossjedu fil-ġurnata ta' mewthom lis-sitt uliedhom Nazzareno, John, Maria mart Peter Camilleri, Carmela mart Martin Xuereb, Anthony u Michael f'isħma indaqs bejniethom (artikolu 6);

Illi minn dan it-territorju imsemmi, kien hemm fil-pussess ta' omm l-attriċi, Ursola fil-jum ta' mewtha għalqa tal-kejl ta' ċirka siegħ fl-istess kuntrada "Ta' Troppu" in-Nadur, Għawdex u li tikkonfina fin-nofsinhar ma' triq Isqof Cocco Palmieri, mill-punent ma' sqaq li jiżbokka go l-istess għalqa minn Triq San Gwann u ma' bini mibni abużivament mill-istess konjuġi Xuereb, mit-tramuntana ma' beni ta' l-istess Marija Camilleri u mil-Lvant ma' beni ta' Ganni Camilleri u għalhekk, din l-għalqa issa intwirtet f'sehem indiviż ta' wieħed minn sitta mill-attriċi;

Illi l-istess għalqa ġiet prelegat lill-attriċi permezz ta' testment fl-atti tan-nutar Michael Refalo tat-12 ta' Novembru 1985;

Illi l-konvenuti qed jikkapparraw l-użu ta' l-istess għalqa billi jaħżnu fiha injam u jarmu karrozzi abbandunati u imbarazzi oħra kif ukoll billi jipparkeġġjaw karozzi u trakkijiet privati proprjet' tagħhom jew ta' soċjetajiet

proprjeta' tagħhom u b'hekk qegħdin jostakolaw il-godiment tal-attriċi ta' l-istess għalqa u dana in vjolazzjoni ta' l-artiklu 491 (b) tal-Kap. 16.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundanna lilkom konvenuti sabiex fi żmien perentorju mogħti lilkom minn dina l-Onorabbli Qorti tiżbarazzaw l-imsemmija għalqa minn kwalunkwe mobbli illi intom abużivament iddepożitajtu fiha illi minħabba fihom l-attriċi m'hix tgawdi l-użu leġittimu tas-sehem indiviż tagħha mill-istess għalqa;

2. Fin-nuqqas, tawtorizża lill-attriċi biex tneħħi l-istess mobbli a spejjeż tal-konvenuti;

3. Tipprojbikom milli tikkapparraw l-użu ta' l-istess għalqa billi tipparkeġġjaw karrozzi jew trakkijiet proprjeta' tagħom jew ta' soċjetajiet proprjet' tagħkom jew ta' terzi.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat numru 118/98 li ġie esegwit fit-12 ta' Novembru 1998.

Bl-inġunżjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi kkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi l-kawża in kwantu diretta kontra l-konvenuta Sherry Xuereb, meta ġiet intavolata l-kawża mill-attriċi l-imsemmija Sherry Xuereb kienet ġia' miżżewġa kif ukoll kienet tinsab imsiefra kif għadha sal-lum u m'għandha ebda ħsieb li għalissa u lanqas fil-futur qrib tiġi lura u tgħix hawn Malta;

2. Illi l-kawża in kwantu diretta kontra l-konvenuti Micky, Jeoffrey, Vicky mart Ganni Hili, Ronnie,u

Sherry, aħwa Xuereb, dawn għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju billi huma la qatt għamlu użu mill-għalqa in kwistjon, la qegħdin jagħmlu użu, u sakemm tibqa' ħajja ommhom Karmena Xuereb lanqaw għandhom ebda ħsieb li jagħmlu użu mill-istess għalqa;

3. Illi l-konvenuti l-oħra Martinu Xuereb, u ibnu Ritchie Xuereb u Ganni Hili lanqas jagħmlu użu mill-għalqa in kwistjoni u kull meta għamlu użu mill-għalqa, għalkemm rarament, dan għamluh temporanjament u bil-kunsens u t-tolleranza tal-eċċipjenti Karmena Xuereb u ta' ħutha Anthony, John, Michael u Nazzareno Camilleri, u huma lkoll komproprjetarji tal-għalqa in kwistjoni, u fil-qies u skond il-jeddijiet tal-komproprjetarji u żgur li kien ta' ebda preġudizzju għad-drittijiet tal-attriċi;

4. Illi fil-għalqa in kwistoni ma hemm ebda oġġetti mobbli li jappartjenu lill-eċċipjenti Martinu Xuereb, Micky Xuereb, Ritchie Xuereb, Jeoffrey Xuereb, Vicky Hili, Ganni Hili, Ronnie Xuereb, u Sherry Xuereb;

5. Illi hija l-eċċipjenti Karmena Xuereb li tagħmel użu regolari mill-għalqa in kwistjoni kif għandha dritt li tagħmel bħala waħda mill-komproprjetrji tal-għalqa in kwistjoni u waħda mill-eredi tal-mejtin Paolo u Ursola Camilleri, kif ukoll ħutha Anthony, John, Michael, aħwa Camilleri u l-eredi tal-mejjet Nazzareno Camilleri li wkoll kien jiġi ħu l-eċċipjenti Karmena Xuereb;

6. Illi l-użu li l-eċċipjenti Karmena Xuereb tagħmel mill-għalqa in kwistjoni huwa fil-qies u skond il-jeddijiet tagħha u mhuwiex minnu li l-attriċi ġiet ostakolata fit-tgawdija ta' din l-għalqa fil-qies u skond il-jeddijiet tagħha;

7, Illi t-talbiet kif formulati in kwantu diretti kontra l-konvenuta Karmena Xuereb għandhom jiġu miċħuda billi hija għandha dritt daqs l-attriċi li tagħmel użu mill-għalqa u li tinqeda biha skond il-jeddijiet tagħha u hija qatt ma żammet jew fixklet lill-attriċi milli tuża u tinqeda bil-għalqa fil-qies u skond il-jeddijiet tagħha;

8. Illi dak li qegħda titlob l-attriċi bil-kawża tagħha huwa proprju li biex tgawdi l-għalqa hi qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-eċċipjenti Karmena Xuereb, milli tuża u tinqeda bil-ħaġa komuni skond il-jeddijiet tagħha. It-talbiet tagħha huma formulati fis-sens li l-konvenuti nkluż għalhekk l-eċċipjenti Karmena Xuereb, tiġi kkundannata li tneħħi kwalunkwe mobbli li hija abbużivament iddepożitat fil-għalqa, ħaġa li din il-Qorti ma tistgħax tikkundanna lill-eċċipjenti Karmena Xuereb illi tagħmel meta hija komproprjetarja ta' l-art in kwistjoni u bħala ko-proprjetarja ma' l-attriċi, it-tnejn għandhom id-dritt li jagħmlu użu mill-ħaġa komuni fil-qies u skond il-jeddijiet rispettivi tagħhom;

9. Illi l-għalqa in kwistjoni tifforma parti minn wirt li għadu mhux likwidat u diviż u dwar il-legati li ġew imħollija mill-mejta Ursola Camilleri, omm l-attriċi u omm l-eċċipjenti Karmena Xuereb, inkluż fost l-assi li ġew legali hemm ukoll l-għalqa in kwistjoni, hemm kawża li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismiiet Anthony Camilleri et vs Maria Camilleri et, Citazzjoni Numru. 135/97, fejn l-eċċipjenti Karmena Xuereb u ħutha l-oħra minbarra l-attriċi Maria Camilleri qegħdin jattakkaw il-validita' tal-istess legati billi permezz tal-legati li ġew imħollija mill-mejta Ursola Camilleri, hija eċċediet s-sehem tagħha li setgħet tiddisponi minnu skond il-Liġi;

10. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti ikkonfermata bil-ġurament ta' Karmena Xuereb.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu 2009 fejn awtoriżżat lill-konvenuti jippreżentaw eċċezzjoni ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

1. Illi t-talba attriċi għandha tiġi respinta stante li ma tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fl-artikolu 843(1) tal-Kap. 12. Iċ-ċitazzjoni ma fiha ebda domanda ġudizzjarja

biex jiġi stabbilit id-dritt oġġett tal-mandat kawtelatorju ai termini tal-artikolu 843. Id-dritt ta’ kawtela mhuwiex id-dritt sostanzjali li jista’ jiġi kawtelat. Dawn huma żewġ drittijiet distinti u ma jistgħux jiġu ridotti u konfużi fi dritt wieħed. Ma teżisti ebda azzjoni għall-kawtela permanenti u perpetwa tad-drittijiet *ut sic* fl-estratt kif lanqas ma teżisti ebda azzjoni sabiex mandat kawtelatorju jiġi estiż permanentement jekk mhuwiex bil-prova w asserzjoni tad-dritt sostantiv innifsu. Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m’huwiex id-dritt li tagħmel il-mandat imma huwa d-dritt li għalih il-kreditur għamel użu mid-dritt li joħrog il-mandat;

2. Salvi eċċezzjonijit ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti annessa ma’ din in-nota, u kkonfermata bil-ġurament minn Richard Xuereb.

Rat il-verbal tagħha tas-27 ta’ Jannar 2012 fejn ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum fuq l-eċċezzjoni ulterjuri dwar in-nullita' tal-kawża.

Rat in-nota ta’ l-Osservazzjonijiet tal-konvenuti dwar din l-eċċezzjoni.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ din l-eċċezzjoni preliminari tagħhom il-konvenuti qed jikkontendi illi l-azzjoni kif proposta hija mproponibbli fis-sistema ġuridika tagħna, għaliex wieħed ma jistax jitlob il-perpetwazzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni, mingħajr ma jitlob ukoll il-konferma tad-dritt li jippretendi li għandu u li dwaru kien intalab il-ħruġ ta' dak il-mandat.

Mhux kontestat illi din il-kawża saret in sostenn ta' mandat ta' inibizzjoni li kien inħareġ fuq talba ta' l-attriċi odjerna.[1] A tenur ta' l-artikolu 843 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif kien fis-seħħ qabel l-emendi riċenti ta'

[1] Mandat ta’ Inibizzjoni nru. 118/1998 .

l-Att XIV tal-2006, ir-rikorrent f'mandat ta' inibizzjoni kellu jagħmel "**il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat** fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat**."**

Fiċ-ċitazzjoni tagħha l-attriċi illimitat ruħha illi titlob li l-konvenuti jiżbarazzaw l-għalqa in kwistjoni li tagħha hija tippretendi li hija komproprjetarja u prelegatarja, u biex ma jkomplux jikkapparawha b'vetturi tagħhom, mingħajr pero' ma qatt talbblet il-konferma tad-drittijiet pretiżi minnha fuq l-istess art. Irid jiġi stabilit għalhekk jekk l-attriċi tissodisfax ir-rekwiżit tal-liġi bil-mod kif ifformulat it-talba preżenti tagħha.

Ġie spjegat f'dan ir-rigward illi*: "La provvisorieta' del provvedimento cautelare, altresi, che questo diviene ineffficace nel caso di mancato o ritardato inizio del giudizio di merito o di estinzione dello stesso o, ancora, di declaratoria di inesistenza del diritto a cautela del quale e' stato concesso. Il collegamento tra procedimento cautelare e giudizio di merito trova la sua ragion d'essere nella sommarieta' del primo, che ,nel caso di accoglimento dell'istanza, si conclude con un provvedimento destinato ad essere assorbito dalla successiva pronuncia di merito*."[2]

F'kawża fejn qamet kwistjoni identika għal dik in eżami, il-Qorti tal-Appell kienet fissret dak li jitlob dan l-artikolu bil-mod segwenti:

*"….. iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi ma tissodisfax il-vot ta' dan l-artikolu (843 Kap. 12) għaliex l-attriċi m'għamlitx il-kawża biex tirrealiżża d-drittijiet tagħha tas-sehem tagħha mill-komunjoni ta' l-akkwisti -imma sempliċement talbet il-konferma li hija għandha 'id-dritt u interess li tikkawtela d-drittijiet tagħha.', mentri l-attriċi kellha titlob jew ix-xoljiment tal-komunjoni jew il-likwidazzjoni ta' l-assi soċjali …*

[2] Diritto Processuale Civile - Serie Manuali Giuridici XI. ed. 2000 Gabriella Gianturco pag. 550 .

*L-attriċi pproċediet b'mandat u inibiet lill-konvenut żewġha milli b'xi mod jiddisponi mill-azzjonijiet … Dan huwa mandat kawtelatorju. Kull mandat kawtelatorju, min-natura tiegħu stess, għandu validita' u ħajja, sakemm u biex il-kreditur ikollu l-opportunita' li jikkonkretiżża l-kreditu tiegħu f'titolu eżekuttiv - li (ukoll ismu mieghu) jippermettilu jesegwixxi l-kreditu li b'hekk ma jkollux bżonn aktar ta' kawtela …* ***Il-liġi ma tikkontemplax il-possibilita' ta' mandat kawtelatorju permanenti*** *- kif timplika l-pretensjoni ta' l-attriċi.*

*L-attriċi tippretendi li 'l-jedd imsemmi fil-mandat' huwa d-dritt li tikkawtela l-interessi tagħha fil-komunjoni ta' l-akkwisti, imma dan huwa evidentement skorrett. Kull min jippretendi li huwa kreditur għandu d-dritt jitlob li jikkawtela l-kreditu permezz ta' diversi mandati, imsejħa proprju kawtelatorji, li jipprovdi l-KOPC.* ***Imma d-dritt ta' kawtela - ċjoe' dritt proċedurali - mhuwiex id-dritt sostanzjali li jista' jiġi kawtelat****. Dawn huma żewġ drittijiet distinti, u ma jistgħux jiġu ridotti u konfużi fi dritt wieħed, kif qed tgħid l-attriċi. Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat mhuwiex id-dritt li tagħmel il-mandat, imma huwa* ***d-dritt li għalih il-kreditur għamel użu mid-dritt li joħroġ mandat****…*

*Il-Qorti tħoss li l-attriċi fl-impostazzjoni kollha tagħha qed tikkonfondi l-konċett ta'* ***kawtela*** *ma' dik ta'* ***garanzija*** *ta' drittijiet." [3]*
Din is-sentenza ġiet ċitata *in estenso* għaliex il-Qorti tħoss illi tiġbor fiha tifsira preċiża ta' dak li ried il-leġislatur meta impona l-kundizzjoni li ssir il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fl-artikolu hawn indikat.

Hekk ukoll f'sentenza oħra ta' din il-Qorti kif ippreseduta,[4] u konfermata fl-Appell, fejn l-atturi kienu talbu li l-konvenuti jiġu inibiti milli jwaħħlu xatba li tipprekludihom milli jidħlu f'biċċa art li kienu jippretendu li hija tagħhom, intqal illi:

[3] Appell : Carmela sive Lina Aquilina vs Francis X. Aquilina et. citaz. nru. 661/86 deciza : 27.11.1991 .
[4] Lawrence Tabone pro et noe vs Raymond Tabone : 30.4.1999 .

"*Fil-każ preżenti l-atturi qegħdin jitolbu li l-inibizzjoni li ottjenew fuq eżami 'prima facie' tal-Qorti meta nħareġ il-mandat relattiv, jiġi perpetwat, mingħajr pero' ma talbu wkoll illi din il-Qorti teżamina u tiddeċidi dwar il-jeddijiet tagħhom fuq li sqaq u mogħdija indikati fiċ-ċitazzjoni. Huma jiddefendu l-għemil tagħhom billi jikkontendu illi kienu kostretti jitolbu l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut wara li dan ipprova jieħu l-liġi b'idejh u ttenta jagħlqilhom il-passaġġ. Għalhekk isostnu illi kien jispetta lill-konvenut illi jresaq 'l quddiem il-pretensjonijiet tiegħu dwar dak il-passaġġ u mhux lilhom.*

*Fil-fehma tal-Qorti pero' dan ir-raġunar ta' l-atturi ma tantx jidher validu, għaliex ġialadarba huma kienu ħassew il-ħtieġa li jipproteġu l-pretensjonijiet tagħhom permezz tal-proċedura tal-mandat ta' inibizzjoni, imbagħad kienu obbligati bil-liġi illi jressqu l-kawża in sostenn ta' dawk il-pretensjonijiet. Ma kienx biżżejjed għalihom għalhekk illi jitolbu sempliċement il-konferma tal-mandat, imma riedu jitolbu wkoll konferma tal-pretensjonijiet tagħhom fuq l-isqaq u l-mogħdija in kwistjoni, sabiex imbagħad il-Qorti, wara li tkun eżaminat il-provi li jitressqu dwar dawk il-pretensjonijiet, tkun f'pożizzjoni tasal għad-deċiżjoni dwar jekk verament l-atturi għandhomx tali drittijiet u jimmeritawx allura l-akkoljiment tat-talba tagħhom illi l-konvenut jiġi miżmum milli jimblokka l-passaġġ in kwistjoni.*"

Fis-sentenza tagħha f'dik l-istess kawża,[5] l-Qorti ta' l-Appell ċċitat minn ġurisprudenza fejn kien ġie ribadit illi: "*Effettivament it-talba attriċi, kieku kellha tiġi milqugħa, tkun tikkostitwixxi inibizzjoni permanenti jekk ma tiġix dedotta l-pretensjoni kkawtelata bil-mandat.*" [6]

Huwa evidenti għalhekk illi skond is-sistema ġuridika ta' pajjiżna mhuwiex mogħti d-dritt lil ebda persuna illi

[5] Appell : 14.01.2002 .

[6] Appell : Connie mart Anthony Galea et. vs Joseph Gauci : 7.10.1997; (kollez vol. LXXXI, P II, p. 719) ; ara wkoll Simon debono vs H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. deciza mil-Prim'Awla fit-23.06.2002 ; Rainbow Production Limited vs Awtorita' tax-Xandir : Prim'Awla : 5.10.1999; Doris mart Carmel Spiteri vs Carmel Spiteri : Prim'Awla : 28.04.1999 u Data-Byte Computer Services Limited vs Michael Mallia noe : 22.2.2005 .

tintavola ċitazzjoni fejn titlob biss li l-konvenut jiġi inibit milli jagħmel xi ħaġa, mingħajr ma jġib 'l quddiem il-pretensjoni jew dritt tiegħu sabiex iżomm lill-konvenut milli jagħmel dak l-att. Altrimenti tkun qed tingħata l-opportunita' li jiġi perpetwat mandat ta' inibizzjoni mingħajr ma qatt issir il-kawża in sostenn tad-dritt pretiż, u dan kontra dak li espressament trid il-liġi permezz ta' l-artikolu 843 imsemmi.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, tiddikjara ċ-ċitazzjoni nulla għax jonqsu r-rekwiżiti stipulati fl-artikolu 843 tal-Kap. 12, u konsegwentement tillibera lill-istess konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------